# 90 sena ta' Scouting fil-Mosta

Minn **Charles J. Vella** - *Group Scout Leader Emeritus*

Il-moviment ta' l-i*scouts* daħal fil-Mosta f'Novembru 1916 u l-ewwel *scouts* tal-Mosta jafu l-bidu tagħhom lil Dun Edgar W. Salomone, qassis ħabrieki minn din il-parroċċa, li dak iż-żmien kien ukoll direttur popolari ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù tas-subien.

L-ewwel truppa kien jisimha *Musta Oratory Troop of Boy Scouts*, u naturalment, dan għaliex l-ewwel *scouts* tal-Mosta kienu jagħmlu biċċa integrali minn dan l-istess Oratorju.

L-ewwel *Scout Master* kien is-Sur Ċensu Borg, għalliem Mosti, u Dun Edgar kien ukoll iċ-*Chaplain* tat-Truppa, għalkemm bħala Direttur ta' l-Oratorju, huwa kellu kontroll sħiħ fuq l-i*scouts* u kien responsabbli għall-kura tagħhom.

Il-*Musta Oratory Troop of Boy Scouts* giet inawgurata formalment fis-7 ta' Jannar, 1917. Għal din iċ-ċerimonja kien hemm il-kbarat tal-*Boy Scouts Association* ta' Malta.

Wara s-Sur Ċensu Borg laħaq is-Sur Carmelo Tabone Adami. Warajh laħaq is-Sur Carmelo Schembri li dam f'din il-kariga għal 24 sena, u wara laħaq *'Bee' District Commissioner*. Wara s-Sur Schembri laħaq is-Sur Salv. Frendo li dam sena u warajh laħaq is-Sur Charles J. Vella li dam *Group Scout Leader* għal 44 sena, rekord nazzjonali. Dan kellu jirtira minħabba l-età kbira li kellu wara li kien ilu fil-Moviment sa mill-1939, voldieri għal 66 sena.



*L-iscouts tal-Mosta fl-1952*

Ta' min isemmi, li s-sena li għaddiet fakkarna d-90 sena mit-twaqqif tal-*Mosta Scout Group*. Fakkarna wkoll l-40 sena minn meta l-banda ta' l-istess Grupp ġiet inawgurata, nhar is-16 ta' Marzu, 1966, meta daqqet flimkien mal-banda tal-Forzi Armati ta' Malta, waqt il-ftuħ uffiċjali taċ-Ċentru Ċiviku mill-Onor. Prim Ministru Dr George Borg Olivier u mbierek mill-Arċipriet Dun Bert Bezzina.

Fakkarna wkoll l-10 anniversarju tal-ftuħ uffiċjali tal-kwartieri l-ġodda mill-Eċċellenza Tiegħu l-Prof. Guido Demarco, President ta' Malta, fl-1 ta' Diċembru, 1996. Dawn jinsabu f'Dar Mons. Edgar W. Salomone, Nru 55 Triq it-Torri, il-Mosta. Dan ifisser li fis-sena 2006 iċċelebrajna tliet anniversarji.

Fil-bidu ta' l-1939 l-iscouts tal-Mosta sabu ruħhom mill-ġdid fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù fejn id-direttur, Dun Karm Xiberras, kien laqagħhom bil-qalb u tahom l-appoġġ tiegħu. Imbagħad faqqgħet il-gwerra u din għamlet ħerba minn kollox u fixklet il-ħajja ta' kulħadd tant li lanqas l-i*scouts* ma ħelsu mill-ħruxija tagħha għal kollox. Ta' min isemmi li żewġ *scouts* Mostin servew fi żmien il-gwerra ma' l-A.R.P. (*Air Raid Precautions*) bħala telephone operators. Dawn kienu Charles Vella u Amedeo Fenech.

Mal-waqfien tal-gwerra fl-1945, Malta ħadet il-ħajja mill-ġdid u kollox beda riesaq lura għal postu. Kien ukoll f'dak iż-żmien meta s-Sur Carmelo Schembri, li kien il-*Group Scout Master*, mgħejjun tajjeb minn sħabu l-i*scouters* l-oħra, kien ħa ħsieb biex jiġbor il-grupp tiegħu mill-fdal li ħalliet il-

gwerra, jirriorganizzah u jaghtih hajja gdida. Kien sforz tabilhaqq tajjeb li holoq tiġdid u qawmien fl-i*scouts* tal-Mosta u fawwar il-Grupp tagħhom b'demm ġdid u mlihom b'ħajja oħra.

Matul dawn iż-żminijiet l-i*scouts* Mostin kienu jiltaqgħu f'diversi postijiet però l-aktar li damu f'post wieħed kien meta kienu jiltaqgħu f'Nru 3, Sqaq Nru. 2, Triq it-Torri. Damu hemm għal 28 sena sħaħ mill-1967 sa l-1995, fejn l-ewwel kienu bil-kera u wara xi żmien xtraw il-lokal imsemmi.

Fl-1995 l-iscouts biegħu l-post il-qadim li kellhom u xtraw post ieħor ġdid, ferm ikbar u modern li hu twil 80 pied u wiesa 18 il-pied. Dan qiegħed aktar fiċ-ċentru tal-Mosta. Il-kuntratt sar fid-19 ta' Ġunju, 1996.

Tliet snin wara, fit-13 ta' Mejju, 1999, l-i*scouts* xtraw post ieħor (garaxx) twil 50 pied fi Triq San Paċifiku biex jużawh bħala maħżen fejn iżommu l-*camping equipment* u affarjiet oħra.

Erba' snin wara, fl-14 ta' Ottubru, 2003, l-i*scouts* xtraw it-tielet proprjetà li qiegħda faċċata tal-kwartieri tagħhom fi Triq it-Torri wkoll. Dan il-lokal hu twil 24 pied, u qed jintuża għal-laqgħat tal-membri kbar.

Hawn min jistaqsi "Dawn il-flus kollha minn fejn ġabuhom?" Ir-risposta hi sempliċi. Ġew b'tant għaqal u sagrifiċċju. Il-parti l-kbira tal-flus ġew mill-ħafna programmi u parati li l-banda popolari esegwiet f'ħafna bliet u rħula kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Ta' min isemmi li mill-1948 sas-sena 1960 fil-Grupp kien hawn banda oħra (*Brass Band*) li l-fundatur tagħha kien il-magħruf Surmast Giovanni Vella. Però minħabba l-emigrazzjoni kbira li kien hemm dak iż-żmien u ħafna problemi oħra li nqalgħu fil-Grupp, il-banda sfaxxat. Fi żmien din il-banda, li kienet tant popolari f'dawk iż-żminijiet, il-banda kienet daqqet fuq il-*breakwater* waqt li r-Reġina Eliżabetta II kienet dieħla fil-port għal żjara uffiċjali f'Malta. Fl-1954 il-banda daqqet l-Innu Nazzjonali Ingliż.

Fl-okkażjoni taż-żjara f'Malta ta' Hade Baden Powell, mart il-fundatur ta' l-i*scouts* Lord Robert Baden Powell, il-banda kienet daqqet quddiem il-*Main Guard*.


*Lord Rowallan fil-Floriana*

L-aktar parata kommemorattiva li niftakar kienet dik li kienet inżammet fix-Xagħra tal-Floriana fl-1954 meta Lord Rowallan, *Chief Scout* tal-Commonwealth u l-Imperu Ingliż żar Malta. F'din il-parata, il-gruppi kollha ta' Malta kienu preżenti.

Kull grupp għamel id-*Display* tiegħu. Il-grupp ta' l-i*scouts* tal-Mosta, biex iżomm it-tradizzjoni tiegħu, u li hu magħruf sewwa għall-*pioneering*, bena pont kbir li anke Lord Rowallan għadda minn fuqu.

Żewġ parati kbar li għadhom jissemmew sal-lum kienu dawk tal-Belt Valletta fil-11 ta' Frar 1917, quddiem il-Palazz, meta wieħed mill-i*scouts* tal-grupp tal-Mosta qabeż mill-gallarija tal-Palazz għal fuq *jumping sheet* wara li kien 'salva' xi nies waqt ħruq.

F'Misraħ il-Palazz ukoll, l-Arċisqof ta' Malta Dom Mauro Caruana kien bierek sollennement il-bandiera tal-*Musta Oratory Troop of Boy Scouts* quddiem ġemgħa kbira ta' kbarat u nies oħra.

Għandi pjaċir ngħid li din l-istess bandiera għadha teżisti sal-lum u qiegħda tinżamm b'għożża kbira ġo gwarniċ fil-kwartieri.



*Il-Prof. Guido Demarco jiftaħ wirja fil-kwartieri fit-23 ta' Ġunju 2002*

F'dawn id-90 sena, ħafna personalitajiet distinti żaru l-kwartieri tagħna f'diversi okkażjonijiet. Fost dawn il-persuni kien hemm M. Dahl, *Commonwealth Captain*; E. D. F. Price, T.C. *Travelling Commissioner*; Major Bruce, *North District Commissioner*; Lt. Commander Tony Weiler tan-*navy* Amerikana u uffiċjal għoli tan-N.A.T.O.; Major General Michael Walsh, *Ex-Chief Scout of the Commonwealth*; Air Chief Marshall Sir David Parry-Evans; Brigadier Gaffiero tal-Forzi Armati ta' Malta; il-Prof. Guido Demarco, President ta' Malta; u oħrajn.

Diversi membri tal-Grupp attendew għall-*Jamborees* Internazzjonali fosthom dak l-ewwel *Jamboree* f'Olympia, Londra, fl-1920; f'Moisson fi Franza fl-1947; *Patrol Jamboree* f'Blair Atholl l-Iskozja fl-1946; f'Band l-Awstrija fl-1951; f'Sulton Coldfield l-Ingilterra fl-1957, li fakkar il-50 sena ta' l-i*scouting* mondjali u l-mitt sena mit-twelid ta' Baden Powell; u dak ta' l-Olanda fl-1996.

Ta' min isemmi wkoll li numru ta' *scouts* Mostin kienu għamlu parti mill-kontiġent Malti li ħa sehem fl-inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II tar-Renju Unit fl-1953, u xi membri oħra (*Rover Scouts*) attendew għal *cruises* tar-*Royal Navy* fl-1954 u fl-1955.

## Ġublew tal-Fidda fil-Mosta

*Scout Rally* kbir kien sar fil-grawnd ta' l-Oratorju tas-subien il-Ħadd 1 ta' Gunju 1947. Kienet okkażjoni f'waqtha sabiex tikkonkludi ġimgħa ta' attivitajiet biex ifakkru l-Ġublew tal-Fidda tal-Grupp ta' l-I*scouts* tal-Mosta. Il-Commodore G. Grantham C.B., C.B.E., S.O., kien il-mistieden ta' l-unur. Kien hemm jilqgħuh fil-bieb ta' l-Oratorju l-Kummissarju tad-Distrett Major P. Beaumont Hembrow fejn ippreżentah lill-*Group Scout Master* Carmelo Schembri.



*Is-Sur Charles J. Vella*

Hekk kif il-*Commodore* daħal fil-grawnd, il-miġemgħa qamet bil-wieqfa u l-banda tar-*Royal Marines* daqqet salut lill-*Commodore*. Wara li l-*Commodore* spezzjona lill-i*scouts*, il-*Group Scout Leader* għamel diskors ta' l-okkażjoni.

Ir-*rally* kien jikkonsisti fil-bini ta' pont twil 30 pied mir-*Royal Scouts* u kien maħdum minn ħbula, lasti u njam. Hekk kif tlesta, Commodore Grantham għadda minn fuqu fost ċapċip kbir mill-folla preżenti.

Wirja oħra mis-sezzjoni tas-*Senior Scouts* kienet tikkonsisti f'ħidma ta' salvataġġ ta' persuni li nqabdu waqt nar li, wara li tahom l-ewwel għajnuna, niżżluhom minn *shoot* tal-*canvas*. Dawk li baqgħu l-aħħar qabżu minn fuq il-bejt tal-bini li kien qed jaqbad għal fuq *jumping sheet*.

Wara kien imiss wirja mill-i*scouts* li kienet tikkonsisti minn wieħed mill-i*scouts* li jaqsam minn naħa għal oħra tal-grawnd, tul ta' 150 pied, fuq wajer ta' l-azzar li kien marbut miegħu *runway*, għoli ta' 30 pied. Niżel fil-grawnd quddiem il-*Commodore* u għaddielu messaġġ mibgħut mill-membri tal-grupp. Ir-*rally* spiċċa b'wirja ta' l-ewwel għajnuna mill-i*scouts* u bi preżentazzjoni ta' ċertifikati.

## Għeluq

Nixtieq nispiċċa dan ir-rapport billi nirringrazzja lil dawk il-persuni kollha li b'xi mod jew ieħor għenu biex il-Grupp jibqa' miexi 'l quddiem u biex seta' jikseb ħafna suċċess kif jgħid sewwa l-motto tal-*Mosta Scout Group* '*Onwards Mosta*' fejn dejjem ħarisna 'l quddiem.